**REGJUN XLOKK**
VALLETTA, BIRGU, ISLA, BORMLA, HAZ-ZABBAR, ZEJTUN, FGURA, FLORIANA, KALKARA, MARSA, MARSASKALA, MARSAXLOKK, PAOLA, HAL-TARXIEN, XGHAJRA.

# Minuti tal-Laqgha Nru. 66 / 2015

Il-Laqgha Nru 66/2015 tat-tieni Amministrazzjoni saret nhar il-Gimgha, 26 ta Novembru 2015 fis-6pm fl-Ufficcji Amministrattivi tal-Kunsill Lokali ta' Hal-Tarxien f' 97 Triq Santa Marija, Tarxien. Data u hin

**Prezenti ghal-laqgha :** Attendenza

| | |
|---|---|
| Chev. Paul Farrugia | President, , Sindku Tarxien |
| Is-Sur Joseph Attard | V/President, Sindku Zejtun |
| Is-Sur Vincent Farrugia | Kunsillier Valletta |
| Is-Sur Lawrence Attard | Kunsillier Birgu |
| Is-Sra Alison Zerafa | Sindku Bormla |
| Dr Byron Camilleri | Sindku Fgura |
| Is-Sra Speranza Chircop | Sindku Kalkara |
| Is-Sur Horace Gauci | Sindku Marsalokk |
| Is-Sinj. Joan Mangion | Segretarju Ezekuttiv |

**Skuzati:**
Sindku Furjana

**Assenti :**
Sindku Isla
Sindku Zabbar
Sindku Marsa
Sindku Marsascala
Sindku Paola
Sindku Xghajra

Il- President, Chev. Paul Farrugia, qal it-talba u ppresieda l-laqgha.

1. **Qari u Approvazzjoni tal-Minuti** Qari u approvazzjoni tal-Minuti

i.i Peress li l-Minuti tal-Laqgħa Nru.64 mizmuma fl-26 ta' Novembru 2015 kienu ġew iċċirkolati minn qabel, il-President staqsa jekk jistgħux jiġu kkunsidrati bħala moqrija u talab l-approvazzjoni tal-Kumitat.

i.ii Il- Kumitat approva l-Minuti, liema minuti ġew iffirmati mill-President u mis-Segretarju Eżekuttiv.

2. **Komunikazzjoni mis-Sindku**

Haddiema taht l-iskema tal-RSSL

2.1 **Haddiema taht l-iskema tal-RSSL**

i.i Il-President spjega li kienet saret laqgha mic-Chairman tal-RSSL ghal Presidenti tar-Regjuni biex ikunu infurmati bil-pjanijiet tal-kumpanija biex tindiriza talbiet tal-kunsilli ghal-izjed ghajnuna.

i.ii Il-President qal li kif kien ga spejga fil-laqghat precedenti kull Regjun se jkun qed jinghatalu tim ta' haddiema u supervisor. Il-kunsilli se jkunu qed jaghmlu it-talbiet ghax-xoghol lir-Regjun u mbaghad dawn jigu diskussi waqt il-laqghat tar-Regjun.

i.iii Is-Sur Attard, Vici President, talab konferma li dan it-tim se jkun apparti mill-haddiema li ga huma assenjati lill-Kunsilli. Il-President ikkonfema dan.

i.iv Is-Sra Alison Zerafa saqsiet jekk kull kunsill kienx se jzomm l-impjegati li fil-present ghandu assenjati mieghu. Il-President wiegeb li ittiehdet decizjoni li kull kunsill ma jkollux izjed minn zewgt haddiema.

2.2. **Riforma tal-LESA**

Riforma tal-LESA

i.i Il-President qali li waqt il-laqgha li giet organizzta mill-AKL ghas-Sindki u il-Vici Sindki kienu gew mistiedna ic-CEO, Is-Sur Ray Zammit kif wkoll id-Direttur, is-Sra Elizabeth Vassallo mill-LESA li taw presentazzjoni ta' kif se tibda topera is-sistema il-gdida. Is-Sur Attard, kunsillier il-Birgu, ilmenta li kull meta isiru dawn il-laqghat qatt ma jinghata feedback lura lill-kunsilliera dwar il-materji li jkunu gew diskussi. Kien hemm qbil bejn il-membri tal-ezekuttiv li is-Sur Attard kellu iqajjem dan il-punt waqt il-laqgha tal-kunsill u kellu jitlob feedback hemm hekk.

i.ii Il-President spjega li giet imsejha laqgha mil-LESA ghal-Presidenti u is-Segretarji Ezekuttivi. Billi fid-data proposta kien hemm 2 presidenti li ma setghux jattendu, din il-laqgha giet posposta ghal-data ohra fil-futur.

i.iii Is-Sur Attard, Vici President, saqsa x'kienet is-sitwazzjoni finanzjarja tar-Regjun. Il-President spjega li f'dawn l-ahhar xhur ir-Regjun kien irnexxielu ihallas kemm il-kontijiet li kienu akkumulaw mis-sena precedenti kif wkoll dawk kurrenti b'mod li fil-waqt li ir-Regjun kien ghalaq is-sena 2014 bi problema akuta ta' cash flow b'mod li ma kienx f'posizzjoni li ihallas il-kontijiet, il-lum il-gurnata il-kontijiet kienu qed jigu imhallsa fil-pront u kien hemm wkoll ammont ta' flus il-bank. Huwa zid li ir-Regjun kien hadem bla heda biex l-operat tieghu ikun sostenibli. Il-President qal ukoll li-Regjun qed ihallas il-commissons ta l-10% kull xhar u ma ghandu l-ebda pendenzi.

i.iv Is-Sur Attard, Vici President, talab kjarifika dwar kif se jkunu qed jithalsu il-kontijiet tar-Regjun mill-LESA. Il-President ghamel refernza ghal-ittra datata 30 ta' Settembru li ir-Regjuni ircevew minghand ir-Direttur tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn gew spjegati id-dati minn meta il-LESA kienet se tkun qed tirrifondi lir-Regjuni. Huwa zid li ir-Regjun se jkun ghadu responsabbli ghal verifika, l-approvazzjoni u ghal-hlasijiet tal-

kontijiet kollha. Wara li jinhargu il-pagamenti u jsiru il-hlasijiet mill-kont tar-Regjun, ha tkun qed issir talba ghal-rifuzjoni ta kull pagament individwali lill-LESA. Il-President qal li kopja ta din l-ittra se tkun qed tigi annessa mal-minuti.

i.v Is-Sur Attard, Vici President, saqsa minn kien se jkun qed jirrifondi l-ispejjez tat-tribunal. Il-Presient qal li ghal dawn l-ispejjez irid jintuza l-istess process elenkant fl-ittra mid-DLG. Is-Sur Attard, Vici President, irrpezenta kopja tal-kontijiet tad-dawl u l-ilma tat-tribunal ghal-ahhar sentejn . Hu spejga kif fil-qbil li kien sar bejn il-kumitat kongunt u il-Kunsill taz-Zejtun l-ispejjez tad-dawl u l-ilma tat-tribunal kellhom jigu mhallsa mil-Kumitat Kongunt.

## 2.3. Ko-Ordinaturi Kulturali

Ko-ordinaturi kulturali

i.i Il-President qal li il-ko-ordinatur tar-Regjun kellu diversi laqgat mal-kunsilli fi hdan ir-Regjun u kien qed jibni il-kalendarju tal-attivitajiet kulturali imtella mill-kunsilli.

i.ii Il-President qal li kien gie infurmat li il-Valletta 18 kienet se tkun qed ittella attivita imsejha Peagant of the Seas fi-7 ta Gunju 2017 bi prova ghal-attivita li se tkun qed tigi imhejjija fit-2018 bhala parti mic-celebrazzjonijiet tal-Valletta18. Ghal dan il-pegeant se jkunu qed jittellghu dawn l-attivitajiet:

- light show
- zip line
- rafts
- loghob tan-nar
- attivitajiet marittimi b'partecipazzjoni interazzjonali. Dawn l-attivitajitet se jkunu organiżati mill-kumpanija Walk the Plank li hija esperta fl-organizzazzjoni ta' attivitiajiet artistici fil-berah.
- karrijiet tal-karnival
- Ghawma mill-Birgu ghal Belt b'kollaborazzjoni mal-President Fund Raising Commitee

## 2.4. Skema ghal-finanzjament ta' attivitajiet kulturali mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali

Memo 22 – finanzjamanet ta' attivitajiet kulturali

Il-President ghamel referenza ghal Memo 22 li kien hareg id-Dipartiment tal-Gvern Lokali ghal-finanzjament ta' attivitajiet organizzati mill-Kunsilli Lokali. Invista li ir-Regjuni setghu japplikaw ghal-finanzjament ta' kampanja pubblicitarja ghal-attivitajiet organizati mil-kunsilli lokali, ir-Regjun kien isottometta applikazzjoni ghal-fondi biex ikun jista jirreklama dawn l'attivitajiet. Ir-Regjun gie infurmat li din l-applikazzjoni ma kienitx giet accettata u ghalhekk talab laqgha mal-bord tal-ghala biex jifhem in-nuqqasijiet fl-applikazzjoni. Hu zid li attenda ghal-din il-laqgha mas-segretarju ezekjuttiv. Il-Bord tal-ghazla spjega li kienet ittiehedet decizjoni li it-talbiet tar-Regjuni ma jigiux ikkonsidrati u dan ghaliex inhass li ir-Regjuni kienu se jkun qed jikkompetu ghall-istess fondi flimkien mal-kunsilli lokali. Il-President qal li fil-budget ghas-sena 2016, giet allokata is-somma ta 10,000 euro ghal-kull Regjun biex jintużaw ghal dan l-iskop u kien ghalhekk li ttiehdet din id-decizjoni mill-bord tal-ghazla. Waqt din

il-laqgha il-President talab kjarifika dwar jekk din-somma kienetx se tkun qed tinghata lill-Regjun biex imbaghad titqasssam lill-kunsilli jew inkella biex tigi uzata mir-Regjun ghal-kampaniji publicitarji tal-attivitajiet kulturali imtellgha mill kunsilli u gie infurmat li il-fondi kellhom jinzammu mir-Regjun ghal-kampanja li kellu jorganizza hu.

**2.5. Projett SCOW**

Progett SCOW

i.i Il-President spejga li l-Assoccjazzjoni tal-Kunsillii Lokali kienet qed tippartecipa bhala partner fi Progett SCOW. Bhala parti minn dan il-progett kienu se jitqassmu 20 compopster zghir lill-kunsilli, skejjel u gonna. Hu zid li-Regjun kien se jkun qed jibghat email lill-kunsilli biex din tigi mghoddija lill min jista ikollu interess.

i.ii Is-Sur Lawrence Attard, kunsillier Birgu, qal li bit-tqassim il-gdid tal-gbir tal-iskart, il-gbir tal-iskart tal-ikel se jibda isir kull 3 ijiem.

i.iii Is-Sra Alison Zerafa qalet li il-kunsill taghha kien partecipi fil-progett pilota imniedi mill-Wasteserv u kienet qed titffaccja problemi kbar.

**2.6 Trasferiment tal-Leave ghas-sena 2016**

Trasferiment tal-leave

i.i Il-President spjega li minhabba esigeni ta' xoghol l-istaff tar-Regjun ma seghax jiehu il-leave kollu li kien intitolat ghalieh matul is-sena 2015 u ghalhekk talab l-awtorizzazzjoni biex l-istaff ikunu jistghu jitrasferixxu il-leave ghas-sena li gejja.

i.ii Is-Sur Attard, Vici President, qal li huwa jiddubita li matul is-sena 2016 l-istaff se jkunu jistghu jutilizzaw il-leave ta' ~~din is-sena~~ 2015 kif wkoll dak akkumulat mit-2015 u ghalhekk ippropona li dan minflokk jithallas. L-ghazla ta' jekk jithallsux jew jakkumulaw il-leave kellha tithalla f'idejn kull impjegat.

Din il-mozzjoni giet assekondata mis-Sur Horace Gauci, Sindku M'Xlokk. Din il-mozzjoni giet approvata b'mod unanimu

**3. <u>Approvazzjoni tal-Quarterly Statements</u>**

Approvazzjoni tal-quarterly statements

i.i Il-President ta overview tal-quarterly statements kf wkoll ta-cash flow tar-Regjun illum.

i.ii Is-Sindku tal-Fgura, Dr B Camilleri astjena meta ittehed il-vot ghall-approvazzjoni ta' dawn l-istatements ghal qal li hu ma kienx lahaq rahom qabel peress li dawn ma kienux gew mibghuta mal-minuti u l-agenda tal-laqgha. Il-financial statements giet approvati

**4. <u>Skeda tal-Pagamenti</u>**

Skeda ta' Pagamenti

i.i L-Iskeda tal-Pagamenti giet approvata u giet iffimata wkoll minn zewg membri tal-Kumitat.

6 **Għeluq tal-Laqgħa u Aggornament** Aggornament

i.i Il-Laqgħa ntemmet fit-8.00pm u giet aggornata ghat-22 ta' Dicembru, 2015

**Chev. Paul Farrugia**
**President**

**Joan Mangion**
**Segretarju Ezekuttiv**

Minuti approvati illum 22 ta' Dicembru 2015

SEGRETARJAT PARLAMENTARI
GĦALL-GVERN LOKALI

PARLIAMENTARY SECRETARIAT
FOR LOCAL GOVERNMENT

MALTA

*Dipartiment għall-Gvern Lokali*

*Department for Local Government*

30 ta' Settembru 2015

Lill-Presidenti
Kumitati Reġjonali

Peress illi mill-1 ta' Ottubru 2015, l-Aġenzija għas-Sistema ta' Infurzar Lokali ser tibda twettaq il-funzjonijiet u d-dmirijiet li jirrigwardaw l-infurzar lokali, qed ngħaddilek tagħrif dwar l-Avviżi Legali li ħarġu lbieraħ u informazzjoni oħra ta' kif se nkunu qegħdin nipproċedu mill-1 ta' Ottubru 'l quddiem.

Dawn huma l-Avviżi Legali li ġew ippubblikati lbieraħ, 29 ta' Settembru 2015:

310 tal-2015: Regolamenti tal-2015 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Petizzjonijiet quddiem it-Tribunali Lokali;

311 tal-2015: Ordni dwar it-Twaqqif tal-Aġenzija għas-Sistema ta' Infurzar Lokali (A.L. 153 tal-2015): Avviż ta' Bidu fis-seħħ; u

312 tal-2015: Regolamenti tal-2015 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Kumitati Reġjonali.

Importanti li wieħed jinnota li mill-1 ta' Ottubru 2015:

1) Kull ħlas dovut lill-Kumitat dwar il-perjodu li jiġi qabel it-30 ta' Settembru 2015 mill-infurzar ta' liġijiet li kienu qabel it-30 ta' Settembru 2015 delegati lill-Kumitati kif ukoll il-provdiment ta' servizz ta' gwardjani lokali għal-lokalitajiet kollha li tagħhom il-Kumitat kien responsabbli qabel it-30 ta' Settembru 2015 inkluż dawk il-funzjonijiet kollha neċessarji sabiex issir il-prosekuzzjoni minħabba fl-istess infurzar għandhom jibqgħu fir-responsabbiltà tal-Kumitat.

2) Peress li sal-aħħar ta' Diċembru 2015, it-Tribunali Lokali se jibqgħu jittrattaw taħrikiet li jaqgħu fir-responsabbiltà tal-Kumitati Reġjonali, l-ispejjeż kollha tal-amministrazzjoni, kemm dawk tar-Reġjun kif ukoll dawk tat-Tribunal Lokali, għandhom jibqgħu jitħallsu mill-Kumitati Reġjonali.

3) Il-pagi tat-Tribunal Lokali għandhom jitħallsu mill-Kumitat Reġjonali u wara għandha tintbagħat *invoice* bil-kopja tal-*payslips* lill-Aġenzija sabiex issir rifużjoni tal-ħlasijiet li jkunu saru.

4) Mill-1 ta' Jannar 2016, l-ispejjeż kollha relatati mal-amministrazzjoni tar-Reġjun kif ukoll dawk tat-Tribunal Lokali se jkunu qegħdin jitħallsu mill-Aġenzija lir-Reġjun.

26 TRIQ L-ARĊISQOF, IL-BELT VALLETTA VLT 1443
t + 356 2200 2300 e info.dlg@gov.mt | www.dlg.gov.mt

5) Mill-1 ta' Jannar 2016, se jibdew jitħallsu il-*Commissions* lill-Kunsilli Lokali għal dawk il-ħlasijiet li jkunu dovuti lill-Aġenzija u li jkunu saru fil-Kunsilli Lokali rispettivi mill-1 ta' Ottubru 2015 'il quddiem.

6) Mill-1 ta' Jannar 2016, se jibdew jitħallsu il-*Commissions* lill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali għal dawk il-ħlasijiet dovuti lill-Aġenzija u li jkunu saru *online* fuq il-kont delegat lill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali mill-1 ta' Ottubru 2015 'il quddiem.

7) It-tqassim tas-*Surplus* se jkun qiegħed jiġi diskuss mal-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali u jiġi ikkomunikat iktar tard din is-sena.

Filwaqt li nieħu din l-opportunità sabiex nirringrazzjakom tal-appoġġ,

Inselli għalikom.



Carmel Abela
Direttur, Gvern Lokali